MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 584/1992/1

**Joseph Aquilina Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof Giuseppe Mercieca B.A., S.th.D., J.U.D., Arcisqof Metropolitan ta' Malta ghan-nom l-Arcidjocesi ta' Malta u occorrendo l-istess Monsinjur Arcisqof Giuseppe Mercieca in persuna ghan-nom l-Arcidjocesi ta' Malta, u b'nota tal-20 ta' Novembru 2000, Vincent Ciliberti assuma l-atti ta' din il-kawza minflok Joseph Aquilina li miet fil-mori tal-kawza**

**vs**

**Richard dei Conti Stagno Navarra**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine ppremetta:

Illi taht il-gurisdizzjoni ta’ l-Arcisqof ta’ Malta jezisti, fost beneficcji ohra il-beneficcju ta’ Guspatronat Lajkali imsejjah Abbazia di San Antonio Abbate delli Navarra fondat minn Nobildonna Cosmana Cumbo Navarra fl-atti tan-Nutar Nicola Allegritto tal-25 ta’ Awissu, 1675, li l-ahhar possessur tieghu, kanonikament elett, kien il-Kanoniku Dun Francesco Saverio Bianco li miet fit-3 ta’ Novembru, 1989.

Illi, wara l-mewt ta’ l-imsemmi Dun Saverin Bianco, il-konvenut beda jirriklama d-dritt li jkun immess hu fl-imsemmi Beneficcju billi allega li hu l-eqreb dixxendent maskili dirett ta’ Federico Falzon Navarra dixxendent mill-imsemmija Fondatrici.

Illi din il-pretensjoni, wara li giet ampjament mistharrga, giet michuda minn Monsinjur Arcisqof b’digriet tal-21 ta’ Frar, 1992, fuq il-motiv principali li l-konvenut mhux kjeriku.

Illi l-konvenut minghajr biss ma informa lill-atturi, fis-26 ta’ Marzu , 1992 adixxa l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja u talab “li jkun konfermat bhala pussessur tal-Guspatronat Lajkali msejjah l-Abbazia di Sant’ Antonio Abbate delli Navarra stante li hu l-eqreb dixxendent maskili dirett tal-Illmo Federico Falzon Navarra skond l-att ta’ Fondazzjoni”: talab ukoll li jkun awtorizzat jirreklama il-pussess tal-beni komprisi f’dan il-Guspatronat minghand terz anki permezz ta’ proceduri gudizjarji jekk ikun mehtieg u li tigi konfermata l-klawsola fl-att ta’ fondazzjoni illi peremzz taghha il-pussessur tal-imsemmi Beneficcju hu preklus milli jbiegh xi parti mill-beni hekk komprisi izda ghandu biss il-fakolta illi jikkoncedi l-istess beni in enfiteusi temporanja jew perpetwa.

Illi b’dikriet tas-27 ta’ Marzu, numru 40/92 – l’ghada stess tal-presentata tar-rikors – l-imsemmija Qorti minghajr biss ma nnotifikat ir-rikors lill-attur odjern, trattandosi minn talba li “ictu oculi” kienet tirrigwardah bhala Kap Spiritwali ta’ l-Arcidjocesi ta’ Malta, biex tisma’ almenu x’ kellku xi jghid, laqghet it-tabiet tal-konvenut li kkunsidrat “gustifikati”.

Illi ghal kuntrarju, kif jigi sottomess waqt it-trattazzjoni tal-kawza, il-pretensjoni tal-konvenut – li tolqot materja komplessa trattata fil-legislazzjoni kanonika – hi ghal kollox infondata.

Illi, apparti l-mod leggier li materja hekk komplessa u komplikata giet trattata quddiem il-fuq imsemmija Qorti, l-istess Qorti adita kienet inkompetenti li tiehu konjizzjoni tar-rikors billi, skond l-artikolu 54 tal-Kodici ta’ Procedura Civili, il-gurisdizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati ta’ Ghawdex bhala Qorti ta’ Gurisdizzjoni Volontarja hi cirkoskritta ghal limiti tal-gurisdizzjoni taghha lokali skond ma jiddisponi l-artikolu 50 tal-istess Kodici u di piu’ – u dan hu vitali – il-materja li tressqet quddiema kienet materja kontenzjusa li kellha tigi mill-ewwel rimessa ghal kontenzjus.

Illi l-atturi hassew ruhhom aggravati mill-imsemmi dikriet (li hu dejjem ta’ Qorti) li m’ghandux jibqa’ fis-sehh.

Ghalhekk l-attur nomine talab li l-konvenut jghid ghaliex, premessi d-dikjarazzjonijiet opportuni, din l-Onorabbli Qorti, m’ghandiex fis-sens ta’ l-artikolu 35 tal-imsemmi Kodici, taghti l-provdiment mehtieg billi, previa r-revoka ta’ l-imsemmi dikriet numru 40/92 moghti tas-27 ta’ Marzu 1992 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Volontarja) tant ghax moghti minn Qorti inkompetenti kemm ghax nieqes minn kull fondament u siwi u, f’dan l-ahhar kas tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut mhux u ma jistax ikun, kif jippretendi, kjamat ghal fuq imsemmi Beneficcju ta’ Guspatronat Lajkali ta’ San Antonio Abbate delli Navarra.

Bl-ispejjez, inklusi dawk taz-zewg kontroprotesti tal-attur tat-22 ta’ April u 15 ta’ Mejju 1992 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzoni tieghu.
Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit:-

1) Illi preliminarjament din il-Qorti mhix kompetenti sabiex tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici stante illi a tenur tal-artikolu 50(2)(b), 53 u 54 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili l-unika Qorti kompetenti sabiex tiehu konjizzjoni ta’ din il-kawza hija il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Civili.

2) Illi ukoll in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi mhumiex il-persuni legittimi li ghandhom jew jistghu jistitwixxu azzjoni bhal dik odjerna ghaliex din tispetta lill persuna li tigi talvolta msejha ghall-pussess tal-Beneficcju ai termini tal-fondazzjoni tal-istess Beneficcju (salv dak li qieghed jigi eccepit aktar il-quddiem, fis-sens illi huwa l-eccipjenti il-persuna hekk msejha).

3) Illi ukoll in linea preliminari, ic-citazzjoni hija irregolari u kwindi nulla ghaliex id-domanda principali tal-atturi mhiex specifikata izda qed tigi mhollija fid-diskrezzjoni assoluta tal-gudikant bil-kliem li gie uzat “taghti il-provediment mehtieg”, fil-waqt li d-domanda l-ohra ghar-revoka tad-dekriet (ghar-ragunijiet li jsegwu din id-domanda) mhiex hlief talba preliminari kif difatti jinghad bil-kelma “previa”.

4) Illi ukoll in linea preliminari, anke jekk l-atturi huma persuni legittimi biex jistitwixxu din l-azzjoni, huma ma ghandhomx interess guridiku sabiex jintentaw din il-kawza, stante illi huma ma gew bl-ebda mod aggravati bid-dikriet illi tieghu huma qeghdin jitolbu ir-revoka, u billi fi kwalunkwe kaz huma ma ghandhom ebda drittijiet u ebda interess fuq il-Beneficcju ossia Giuspatronat Lajkali (li mhux ekklesjastiku) msejjah “l-Abbazia di Sant’Antonio delli Navarra”.

5) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, dak li l-atturi qed jitolbu fil-meritu jmur kontra d-disposizzjonijiet espressi tal-fondazzjoni li jeskludi kwalunkwe kejeriku mill-pussess u tgawdija tal-Beneficcju.

6) Illi per konsegwenza, dan il-Beneficcju hu wiehed Lajkali u mhux Ekklesjastiku u lanqas biss jaqa taht il-

gurisdizzjoni tal-awtorita' Ekklesjastika u l-Kodici Kanoniku mhuwiex applikabbli.

7) Illi ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fil-meritu id-dikriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja huwa gust u ma ghandux la jigi revokat u lanqas b'xi mod mibdul jew minsus.

Rat id-dkjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat is-sentenza taghha (diversament presjeduta) tat-8 ta' Jannar 1993 li permezz taghha giet michuda l-eccezzjoni peliminari dwar l-inkompetenza ta' dina l-Qorti. Il-konvenut interpona appell minn din is-sentenza.

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-22 ta' Novembru 1995 li biha gie michud l-appell tal-konvenut u fl-istess hin giet konfermata l-imsemmija sentenza tat-8 ta' Jannar 1993.

Rat l-affidavit ta' Monsinjur Annetto Depasquale, Vigarju Generali u Locum Tenens, presentat mill-attur nomine u semghet lill-istess xhud in kontro-esami.

Rat id-dikriet taghha tat-28 ta' Novembru 1997 li bih gie nominat l-Avukat Dottor Censu Depassquale bhala espert traduttur biex jittraskrivi l-att tal-fondazzjoni u jaghmel traduzzjoni ghall-lingwa maltija tal-istess traskrizzjoni.

Rat id-dikriet taghha tat-30 ta' Marzu 1998 li bih gie sostitwit l-erspert traduttur nominat u mnnflok gie nominat Dottor Orazio Vella bl-istess fakoltajiet.

Rat li fil-kors tas-seduta tal-11 ta' Dicembru 1998 l-espert traduttur esibixxa traskrizzjoni tal-att tal-fondazzjoni kif ukoll ta' kodicil u esibixxa t-traduzzjoni li huwa ghamel tal-istess att ta' fodazzjoni u kkonferma bil-gurament li huwa qeda onestament u fedelment l-inkariku lilu moghti.

Rat l-imsemmijin traskrizzjoni u traduzzjoni.

Semghet lill-espert traduttur prodott mill-konvenut.

Rat il-lista ta' mistoqsijiet li l-konvenut ried li jigu maghmula lill-espert traduttur.

Rat ir-risposti bil-miktub tal-espert traduttur ghad-domandi bil-miktub tal-konvenut.

Rat traduzzjoni tal-att tal-fondazzjoni prodotta mill-konvenut.

Rat ir-relazzjoni ulterjuri tal-espert traduttur debitament konfermata bil-gurament fil-kors tas-seduta tal-20 ta' Novembru 2000 (fol.275).

Rat in-nota tal-konvenut presentata fil-25 ta' Jannar 2002.

Rat in-nota tal-attur nomine presentata fil-21 ta' Frar 2001.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri presentata mill-konvenut fill-kors tas-seduta tal-15 ta' April 2002.

Semghet lill-Monsinjur Vigarju l-Isqof Annetto Depasquale prodott mill-konvenut.

Semghet lill-konvenut.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut.

Rat in-nota tal-attur nomine presentata fil-16 ta' Jannar 2003.

Rat in-nota responsiva tal-konvenut presentata fil-kors tas-seduta tal-24 ta' Frar 2003.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tal-attur nomine.

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

Rat l-atti l-ohra kollha u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:

F'dawn il-proceduri l-attur qed jrrappresenta lill-Arcidjocesi ta' Malta u ghan-nom tal-istess qed jagixxi kontra l-konvenut Richard dei Conti Stagno Navarra.

Fic-citazzjoni l-attur nomine jippremetti li fil-gurisdizzjoni tal-Arcisqof ta' Malta jezisti, fost beneficcji ohra, il-beneficcju ta' Guspatronat Lajkali imsejjah Abbazia di San Antonio Abbate delli Navarra (minn hawn il-quddiem imsejjah "il-Beneficcju" fondat mill-Nobildonna Cosmana Cumbo Navarra u dana b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Nicola Allegritto tal-25 ta' Awissu, 1675 (minn hawn il-quddiem imsejjah "l-att tal-fondazzjoni"). Jippremetti inoltre li l-ahhar possessur tal-imsemmi Guspatronat kien il-Kanoniku Dun Francesco Saverio Bianco li miet fit-3 ta' Novembru, 1989. Ikompli jippremetti li wara l-mewt tal-imsemmi Dun Saverin Bianco, il-konvenut beda jirriklama d-dritt li jkun immess hu fl-imsemmi Beneficcju billi allega li hu l-eqreb dixxendent maskili dirett ta' Federico Falzon Navarra dixxendent mill-imsemmija fondatrici. Din il-pretensjoni tal-konvenut giet, pero', michuda minn Monsinjur Arcisqof b'dikriet tal-21 ta' Frar 1992, peress li l-konvenut mhux kjeriku.

Jippremetti ukoll li fis-26 ta' Marzu 1992 il-konvenut, ad insaputa tal-attur nomine, talab lill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja, li jigi konfermat bhala pussessur tal-imsemmi Guspatronat Lajkali stante li huwa kien l-eqreb dixxendent maskili dirett tal-Illmo Federico Falzon Navarra u dan ai termini tal-imsemmi att ta' Fondazzjoni. Il-konvenut talab ukoll li jkun awtorizzat jirreklama il-pussess tal-beni komprisi f'dan il-Guspatronat minghand terzi anki permezz ta' proceduri gudizjarji u li tigi konfermata l-klawsola fl-att ta' fondazzjoni li peremzz taghha il-pussessur tal-imsemmi Beneficcju hu preklus milli jbiegh xi parti mill-beni hekk komprisi izda ghandu biss il-fakolta illi jikkoncedi l-istess beni in enfiteusi temporanja jew perpetwa. L-imsemmija Qorti, l-ghada li gie presentat ir-rikors relattiv, cioe' fis-27 ta' Marzu,

laqghet it-talbiet kollha tal-konvenut. L-attur nomine jilmenta li l-Arcidjocesi ta’ Malta lanqas biss giet notifikata bir-rikors qabel ma nghata l-imsemmi dikriet li bih gew akkolti t-talbiet tal-konvenut. L-attur nomine jippretendi li “ictu oculi” l-kwestjoni kollha kienet tirrigwarda lill-Arcidjocesi ta’ Malta u l-Qorti kien imissa almenu semghat x’kella xi tghid l-istess Arcidjocesi. L-attur nomine jippremetti ukoll li l-imsemmija pretensjoni tal-konvenut, li kienet tirrigwarda materja komplessa, li hi trattata ukoll fil-legislazzjoni kanonika, hi ghal kollox infondata. L-attur nomine jippretendi li l-imsemmija Qorti kienet inkompetenti li tiehu konjizzjoni tar-rikors billi, skond l-artikolu 54 tal-Kodici ta’ Procedura Civili, il-gurisdizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati ta’ Ghawdex bhala Qorti ta’ Gurisdizzjoni Volontarja hi cirkoskritta ghal limiti tal-gurisdizzjoni taghha lokali skond ma jiddisponi l-artikolu 50 tal-istess Kodici billi il-kwestjoni kienet materja kontenzjusa li kellha tigi mill-ewwel rimessa ghal kontenzjus. L-attur nomine jilmenta ukoll li l-imsemmija Qorti ttrattat ir-rikors tal-konvenut b’mod leggier meta l-istess rikors kien jittratta materja komplessa u komplikata. L-attur nomine jkompli jiddikjara li l-Arcidjocesi ta’ Malta hassitha aggravata bl-imsemmi dikriet, li m’ghandux jibqa’ fis-sehh.

Fuq dawn il-premessi l-attur nomine talab li l-imsemmi dikriet jigi revokat u li jigi dikjarat li l-konvenut ma jistax jigi kjamat ghall-imsemmi Beneficcju ta’ Guspatronat Lajkali.

Da parti tieghu l-konvenut eccepixxa (1) preliminarjament li din il-Qorti mhux kompetenti sabiex tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici stante illi a tenur tal-artikolu 50(2)(b), 53 u 54 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili l-unika Qorti kompetenti sabiex tiehu konjizzjoni ta’ din il-kawza hija il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Civili. (2) Illi ukoll preliminarjament l-atturi mhumiex il-persuni legittimi li ghandhom jew jistghu jistitwixxu azzjoni bhal dik odjerna ghaliex din tispetta lill-persuna li tigi talvolta msejjha ghall-pussess tal-Beneficcju u dan ai termini tal-fondazzjoni tal-istess Beneficcju. (3) Illi ukoll preliminarjament ic-citazzjoni hija irregolari u kwindi nulla ghaliex id-domanda principali tal-atturi mhiex specifikata izda qed tigi mhollija

fid-diskrezzjoni assoluta tal-gudikant u dana bl-uzu tal-kliem “taghti il-provediment mehtieg” u inoltre d-domanda ghar-revoka tad-degriet mhiex hlief talba preliminari kif indikat bl-usu tal-kelma “previa.” (4) Illi ukoll in linea preliminari, anke jekk l-atturi huma persuni legittimi biex jistitwixxu din l-azzjoni, huma ma ghandhomx interess guridiku sabiex jintentaw din il-kawza, stante illi huma ma gew bl-ebda mod aggravati bid-dekriet illi tieghu huma qeghdin jitolbu ir-revoka, u billi fi kwalunkwe kaz huma ma ghandhom ebda drittijiet u ebda interess fuq il-Beneficcju ossia Giuspatronat in kwestjoni. (5) Illi dak li l-atturi qed jitolbu fil-meritu jmur kontra d-disposizzjonijiet espressi tal-fondazzjoni li jeskludi kwalunkwe kejeriku mill-pussess u tgawdija tal-Beneficcju. (6) Illi konsegwentement il-Beneficcju hu wiehed Lajkali u mhux Ekklesjastiku u ma jaqax taht il-gurisdizzjoni tal-awtorita’ Ekklesjastika u l-Kodici Kanoniku mhuwiex applikabbli. (7) Illi d-dekriet tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Volontarja) huwa gust u ma ghandux la jigi revokat u lanqas b’xi mod mibdul jew minsus.

Din il-kawza qieghda ssir, skond kif iddikjara l-istess attur nomine, biex l-imsemmi dikriet tal-Qorti tal-Magistrati ta’ Ghawdex fil-Gurisdizzjoni Volontarja taghha jigi annullat. Permezz ta’ dan id-dikriet il-konvenut gie “immess” fil-Beneficcju in kwestjoni. L-attur nomine jsostni, f’dan ir-rigward, li l-Qorti, li tat l-imsemmi dikriet, cioe’ l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Sede Volontarja), ma kelliex gurisdizzjoni biex tittratta r-rikors promotur tal-konvenut u biex tipprovdi dwar l-istess rikors stante li l-gurisdizzjoni tal-istess Qorti hi limitata ghall-persuni li joqghodu jew li ghandhom ir-residenza taghhom ordinarja fil-Gzira ta’ Ghawdex jew ta’ Kemmuna u inoltre hi ukoll limitata ghal dawk il-kazi li l-ligi tispecifika espressament. L-attur nomine inoltre jissottometti li l-konvenut ma kellu jigi qatt immess fil-Beneficcju in kwestjoni stante li hu mhux kjeriku u, skond il-ligi Kanonika minn mhux kjeriku ma jistax jigi kjamat ghall-beneficcju simili. Skond l-attur nomine l-ligi Kanonika biss tirregola l-beneficcji ekklesjastici u l-patrimonji sagri kwantu ghal dak li ghandu x’jaqsam mal-kwalifiki mehtiega ghat-tgawdija taghhom. F’dan ir-rigward l-attur jaghmel referenza ghall-artiklu

1742 tal-Kodici Civili u ghall-artikolu 8 tal-Entailed Property (Disentailment) Act, 1950 – Kap 130 tal-Ligjiet ta' Malta u ghall-pagni 245 sa 247 ta' "Maltese Legal History under British Rule" ta' Dottor Hugh Harding.

**Eccezzjonijiet tal-konvenut**

L-eccezzjoni preliminari tal-konvenut, rigwardanti l-inkompetenza ta' din il-Qorti li tittratta u tiddeciedi din il-kawza, giet definittavament deciza bis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-22 ta' Novembru 1995 li biha l-imsemmija eccezzjoni giet michuda.

Inoltre l-konvenut jecepixxi li l-attur nomine mhux il-persuna legittima li jista jistitwixxi azzjoni bhal din. F'dan ir-rigward l-attur jissottometti li Monsinjur Arcisqof intavola din l-azzjoni fil-qadi tal-ministeru gholi tieghu ghall-gid tal-Knisja f'Malta. Inoltre l-kawza giet intavolata ukoll ai termini tad-dikriet ta' Monsinjur Arcisqof tat-3 ta' Awissu 1983 fejn gie ordnat li l-amministrazzjoni kollha tal-enti djocesani tkun f'idejh u dan b'effett immedjat. Apparti dawn il-konsiderazzjoniet tal-attur nomine, din il-Qorti hi tal-opinjoni li, kif gia gie indikat, il-fondatrici kienet irriservat ghall-Arcisqof ta' Malta l-fakolta' li jikkonferma n-nomina li tkun saret lilu mill-patruni tal-Benefikat. Kwindi jidher li l-attur nomine hu persuna legittima sabiex jintavola din il-kawza u hu persuna li ghandha interess guridiku f'din il-kawza li appuntu saret sabiex l-imsemmija konferma tal-Qorti civili tigi annullata. Ma hemmx dubju li l-attur nomine setgha gie aggravat bid-dikriet tal-Qorti ta gurisdizzjoni volontarja. Barra minn hekk, ghar-rigward tac-citazzjoni tal-attur nomine u tat-talbiet kif kontenuti fl-istess citazzjoni, ma jirrizulta xejn irregolari jew null. L-imsemmija talbiet huma specifici u cari u ma jhallu ebda dubju dwar fejn irid jasal l-attur.

Ghalhekk l-eccezzjonijiet numri (2) (3) u (4) ukoll ghandhom jigu michuda u infatti l-istess eccezzjonijiet tal-konvenut qed jigu michuda.

**It-talba tal-attur**

It-talba tal-attur nomine li l-imsemmi dikriet tas-27 ta' Marzu 1992 tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Volontarja) m'ghandux jibqa fis-sehh hi effettivament ibbazata fuq zewg kawzali u cioe' l-ewwel ghaliex l-imsemmi dikriet gie moghti minn Qorti li ma kienitx kompetenti u t-tieni ghaliex skond il-ligi Kanonika l-konvenut ma kellu qatt jigi immess fil-Beneficcju.

**L-ewwel kawzali**

Ghar-rigward tal-ewwel kawzali l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzzjoni Volontarja) ghandha s-setgha li tagixxi f'kwestjonijiet mhux kontenzjusi fejn jirrigwardaw persuni li joqoghdu jew li ghandhom ir-residenza taghhom ordinarja fil-Gzira ta' Ghawdex jew ta' Kemmuna. Inoltre l-ligi espressament tistipula li kwestjonijiet dwar il-proprjeta ta' beni immobbli, jew li ghandhom x'jaqsmu ma servitujiet, pizijiet jew drittijiet ohra mghaqudin ma beni immobbli jaqghu fil-kompetenza tal-Qrati, li fil-passat kienu maghrufa u deskritti bhala "superjuri" u dana kollu indipendentement mill-valur tat-talba. Il-Qorti ta' gurisdizzjoni volontarja hi qorti "superjuri" u konsegwentement il-Qorti in kwestjoni kienet unikament kompetenti li tittratta kwestjonijiet li jinvolvu proprjeta' immobbilljari li tinsab Ghawdex. Il-Beneficcju in kwestjoni kien jirrigwarda b'mod partikolari diversi artijiet gewwa Ghawdex u cioe' diversi bicciet raba principalment fil-Qala Ghawdex. Kwindi l-Qorti in kwestjoni kienet kompetenti li tittratta u tiddeciedi t-talba kif kontenuta fir-rikors in kwestjoni tal-konvenut.

Inoltre l-attur nomine, dejjem ghar-rigward tal-imsemmija l-ewwel kawzali, jissottometti li l-meritu tar-rikors tal-konvenut in kwestjoni kien jidher mad-daqqa t'ghajn li hu materja kontenzjusa u ghaldaqstant il-Qorti, mill-ewwel, kellha tirrimetti l-kwestjoni ghall-kontenzjus. Il-Qorti esaminat il-kopja tar-rikors in kwestjoni, liema kopja hi esibita bhala dokument 'AA' a fol.23 et seq. Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-attur nomine li wiehed mill-ewwel jinduna li r-rikors kien jittratta materja kontenzjusa. Ma hemm xejn fir-rikors li jindika li fil-meritu tar-rikors kien hemm terzi li setghu kienu interessati fil-materja in

kwestjoni u li dawn it-terzi kienu, b'xi mod, qed jikkontestaw it-talbiet tar-rikorrenti. Fir-rikors in kwestjoni ma hemm l-ebda accenn ghall-fatt li l-konvenut kien qabel applika ghand l-awtoritajiet ekklesjastici sabiex jigi konfermat bhala Rettur tal-Beneficcju u ghalhekk dik il-Qorti ma setghetx tkun taf b'dan l-istess fatt.

Lanqas ma tirrizulta sufficjentement pruvata l-pretensjoni tal-attur nomine li r-rikors gie trattat u deciz b'mod leggier. Jista jkun li l-materja trattata fir-rikors kienet komplessa u komplikata. Hu minnu ukoll li d-dikriet relattiv inghata l-ghada tal-presentata tal-rikors. Minn dawn il-fatti, pero, ma jistax jigi konkluz li l-Qorti ttrattat u ddeciediet l-istess rikors b'mod inakkurat u disattent. In effett qabel ma r-rikors gie deciz dik il-Qorti semghet lir-rikorrenti u lid-difensur tieghu u tenut kont tac-cirkostanzi parikolari kollha risultanti kkonkludiet li t-talbiet tar-rikorrenti kienu gustifikati u konsegwentement laqghat l-istess talbiet tar-rikorrenti.

In vista ta' dak kollu li gie premess it-talbiet tal-attur nomine ma jistghu qatt jigu akkolti fuq l-imsemmija l-ewwel kawzali kif motivata mill-istess attur nomine fic-citazzjoni. F'dan ir-rigward, pero', trid ukoll tigi esaminata kwestjoni sollevata mill-attur nomine waqt it-trattazzjoni tal-kawza fis-sens illi l-Qorti Civili ma setghetx tikkonferma n-nomina ta' Rettur stante li dan jispetta biss lill-awtoritajiet ekklesjastici, in parikolari lill-Arcisqof ta' Malta u dana ai termini tal-att ta' fondazzjoni tal-Beneficcju kif ukoll skond il-Ligi Kanonika. Hu minnu li skond l-att tal-fondazzjoni l-patruni tal-Beneficcju kellhom jippresentaw persuna li setghet tinghata t-tgawdija tal-istess Beneficcju lill-Arcisqof ta Malta li da parti tieghu kellu jikkonferma n-nomina skond jekk il-persuna presentata kienitx idonea u jekk kellix i-kwalifiki necessarji jew le. Ghalhekk kienet il-funzjoni tal-imsemmija Awtorita' Ekklesjastika li tikkonferma n-nomina sottomessa lilha. In effett jirrizulta li l-konvenut talab din il-konferma pero' tali talba giet michuda. Kien ghalhekk li l-konvenut, fuq il-parir tal-

konsulenti legali tieghu, adixxa lill-Qorti ta’ Ghawdex fil-kompetenza taghha volontarja. F’dawn ic-cirkostanzi ma jstax jinghad li l-imsemmija Qorti kienet inkompetenti li titratta ir-rikors in kwestjoni. Il-konferma kienet riservata ghall-awtorita’ ohra (mhux gudizzjarja) pero’ dan ma jrendix is-Sekond’Awla inkompetenti.

Inoltre x-xhud tal-attur nomine, fir-rigward tar-rikors tal-konvenut fil-qorti ta’ Ghawdex, jaqbel li r-rikors gie presentat minn min kien jigri l-eqreb fid-demm mill-fondatrici, cioe’ mill-konvenut u li n-nomina ukoll kienet favur il-konvenut, li jidher li, skond l-att tal-fondazzjoni, kellu l-akkrediti kollha necessarji. Kwindi jidher li l-konvenut kien persuna idonea u ghalhekk anke il-konferma li saret mill-Qorti ghandha titqies li hi regular. .

**It-tieni kawzali**

Kwantu ghat-tieni kawzali l-attur nomine jissottometti li, skond il-ligi Kanonika l-konvenut ma kellu qatt jigi immess fil-Beneficcju b’mod partikolari peress li huwa mhux kjeriku.  F’dan ir-rigward jirrizulta li l-konvenut, qabel ma ntavola r-rikors quddiem il-Qorti ta’ gurisdizzjoni volontarja li wassal ghad-dikriet in kwestjoni, talab lill-awtoritajiet ekklesjastici li jiġi konfermat pussessur tal-Guspatronat Lajkali in kwestjoni li hu imsejjaħ Abbazia di Sant’Antonio Abbate delli Navarra jew biex jiġi maħtur pussessur pro tempore tal-istess guspatronat. Din l-applikazzjoni tal-konvenut pero’ giet michuda u r-raguni ghal dan li tat l-awtorita’ Ekklesjastika kienet li huwa persuna lajka u mhux kjeriku. L-attur nomine jsostni illi biex xi ħadd jiġi nominat Rettur jew jigi imsejjah ghall-Beneficcju skond il-liġi tal-Knisja jew il-Ligi Kanonika dan irid ikun kjeriku. Da parti tieghu il-konvenut jissottometti illi skond l-Att tal-Fondazzjoni, huwa ghandu jigi msejjaħ għall-pussess u t-tgawdija tal-Beneficcju appuntu ghaliex mhux kjeriku.

F’dan ir-rigward ghandu jigi stabbilit jekk il-Beneficcju in kwestjoni huwiex wiehed lajkali jew ekklesjastiku. Ghandu ukoll jigi stabbilit liema regoli għandhom japplikaw għal dan il-Beneficcju cioe’ jekk tapplikax il-Liġi Kanonika jew

jekk japplikawx id-disposizzjonijiet tal-Att tal-Fondazzjoni tal-Bneneficcju.

**Beneficcju ekklesjastiku jew lajkali**

Il-guspatronat jew il-Beneficcju in kwestjoni, imsejjah Abbazia di San Antonio Abbate delli Navarra, gie mwaqqaf minn Nobildonna Cosmana Cumbo Navarra b'att ta' fondazzjoni "causa mortis" fl-Atti tan-Nutar Nicola Allegritto tal-25 ta' Awissu 1675.

Il-Kodici Kanoniku promulgat fil 1917 jiddistingwi bejn guspatronat ekklesjastiku, lajkali u mist u dana skond l-att minn fejn jidderiva l-guspatronat. L-istess Kodici pero' ma jaghtix definizzjoni ta' f'xix jikkonsisti guspatronat lajk jew f'xix jikkonsisti dak ekklesjastiku jew dak mist.

Il-partijiet ma jaqblux jekk il-guspatronat in kwestjoni huwiex ekklesjastiku jew lajkali. Il-konvenut jissottometti li l-Beneficcju hu lajkali filwaqt li xhud prodott mill-attur nomine, cioe' l-Eccellenza Tieghu l-Isqof Awziljarju Monsinjur Annetto Depasquale (minn hawn il-quddiem imsejjah "ix-xxhud tal-attur nomine"), fl-affidavit tieghu, jsostni li l-Beneficcju hu wiehed ekklezjastiku izda ta' guspatronat lajkali. Lajkali peress li l-fondatrici, jew it-testatrici, iddonat lill-istess Beneficcju, bhala persuna guridika, diversi bicciet ta' proprjeta' immobbli. Skond l-istess xhud in-natura ekklezjastka tal-Beneficcju tirrizulta mit-terminologija uzata fl-att tal-fondazzjoni u mill-iskopijiet religjuzi li ghalihom twaqqaf il-beneficcju, bl-obbligi ta' celebrazzjoni ta' quddies, ta' provvediment ta' arredi sagri u ta' obbligi piji ohra. F'dan ir-rigward ukoll l-istess xhud jaghmel referenza ghad-dixxiplina kanonika, li tobbliga lis-successuri tal-fondatrici fil-guspatronat, bhala patruni bid-dirtt tan-nomina tal-Abbati jew tar-Rettur tal-beneficcju, li f'kull kaz ta' vakazzjoni tal-beneficcju jippresentaw il-persuna minnhom nominata lill-Isqof ta' Malta, li ghandu l-awtorita' li jikkonferma n-nomina. F'dan ir-rigward il-konvenut jirritjeni, pero', li d-dixxiplina kanonika ma tapplikax ghall-kaz in esami appuntu peress li l-Beneficcju mhux ekklesjastiku. Din il-kwstjoni ser tigi esaminata aktar il-quddiem fil-presenti sentenza.

Hi ukoll is-sottomissjoni tal-attur nomine li l-Beneficcju hu in effett regolat mill-volonta' tat-testatrici, mill-Ligi Civili kif ukoll mill-Ligi Kanonika vigenti f'kull zmien. F'dan ir-rigward ix-xhud tal-attur nomine jirreferi ghall-artikolu 1742 tal-Kodici Civili u ghall-artikolu 8 tal-Kap 130 tal-Ligijiet ta' Malta dwar il-Helsien mill-vinkoli ta' gid marbut b'fedekommess. Il-konvenut isostni, pero', li dawn l-artikoli tal-ligi civili, fi kwalunkwe kaz, mhux applikabbli stante li dawn l-artikoli jitkellmu u jirregolaw biss beneficji ekklesjastici u mhux dawk tal-lajci cioe' lajkali.

Kif tipprovdi l-Ligi Kanonika sabiex tigi stabbilita n-natura tal-guspatronat in kwestjoni ghandu jigi esaminat l-att ta' fondazzjoni u f'dan il-kaz l-imsemmi att tal-fondazzjoni "causa mortis."

Il-fondatrici, fl-att ta' fondazzjoni u fl-addenda ghall-istess att, liema addenda saret fl-Atti tal-istess Nutar Nicola Allegritto, nhar it-18 ta' Ottubru 1675, ddisponiet li l-beneficcju kien qed jitwaqqaf bhala beneficcju semplici ta' guspatronat lajkali. Li l-Beneficcju kien qed jigi mwaqqaf bhala wiehed lajkali hu ripetut diversi drabi fl-istess att tal-fondazzjoni. In effett din il-Qorti hi tal-fehma li l-Beneficcju ghandu jigi ritenut li hu lajkali ghaliex hu fondat minn persuna lajka, li rabtet il-guspatronatu ma' titolu lajk cioe' skond is-successjoni bid-dritt tan-nomina tar-rettur tal-Beneficcju. Dan id-dritt tan-nomina, skond il-Fondazzjoni, hu marbut ma' dixxendenza maskili minn neputi tal-fondatrici Signor Federico Falzon Navarra, u fin-nuqqas ma dixxendenti rgiel mill-linja femminili tal-istess neputi u fin-nuqqas ma' dixxendenza maskili minn-nepputija taghha Faustina, oht l-imsemmi Signor Federico. Fin-nuqqas ta' dixxendenza maskili kemm mill-linja maskili kif ukoll mil-linja femminili l-Beneficcju kellu jghaddi lil minn ikun l-eqreb dixxendent li jkun jigi bid-demm mill-fondatrici. Fin-nuqqas ta' dawn kollha l-Isqof ta' Malta nghata s-setgha li jinnomina sacerdot "pro tempore" sakhemm ma jitwilidx dixxendent maskili.

Dan kollu jindika b'certa enfasi li l-Beneficcju hu lajkali. Jindika ukoll li ma kienitx ir-rieda tal-fondatrici li t-tgawdija tal-Beneficcju tghaddi f'idejn kjeriku. Dan seta jsir biss meta ma jkunx hemm dixxendenti maskili u biss temporaneament sakhemm ma jkunx hemm tali dixxendent maskili. Jigi nnotat li jirrizulta li bhala l-ewwel Abbati kien gie presentat u nominat it-tieni wild iben ta' l-istess Federiku li ma kienx kjeriku. Mill-affidavit tal-konvenut jirrizulta li ghal diversi snin wara il-fondazzjoni tal-beneficcju l-fondazzjoni kienet dejjem fil-pussess ta' xi dixxendent maskolin tal-imsemmi Sinjur Federiku, u qatt minn xi qassis jew kjeriku iehor u wisq inqas mill-awtoritajiet ekklesjastici u jidher li l-fondazzjoni baqghet fil-pussess u rapprezentata minn dixxendenti maskolini tas-Sinjur Federiku Navarra u dawn jidhru li la kienu mizzewgin u lanqas ma kienu religjuzi. Inoltre, skond ir-rieda tal-fondatrici, r-rwol tal-Awtoritajiet Ekklesjastici fil-Beneficcju kienet limitata.

Jista jinghad ukoll li, fir-rigward tal-kwestjoni in esami, ix-xhud prodott mill-attur nomine jaqbel li l-Beneficcju gie ffundat ghad-dixxendenti tal-imsemmi Sinjur Federiku Falzon Navarra maskili u finalment ghal persuna li tigi fid-demm mill-istess fundatrici.

**Liema regoli għandhom japplikaw**

Il-kwestjoni hawn hi jekk ghandiex tapplika il-Liġi Kanonika cioe' l-ligi tal-Knisja jew jekk ghandhomx japplikaw id-disposizzjonijiet tal-att tal-Fondazzjoni tal-Bneneficcju jew ahjar jekk ir-rieda tat-testatrici jew fondatrici ghandhiex tipprevali.

Ix-xhud tal-attur nomine, cioe' l-Isqof Awziljarju Annetto Depasquale, kkonferma (fol.345) li jista' jiġi nominat Rettur persuna li ghandha l-kwalifiki skond ir-regolamenti tal-Ligi tal-Knisja li minn zmien ghal znien jkunu in vigore. Skond l-istess xhud, pero', ghandhom ukoll japplikaw id-disposizzjonijiet li riedet il-fondatrici oltre li, kif gia rilevat, jridu jigu osservati il-provedimenti tal-ligi tal-Knisja li minn zmien ghal zmien jistghu jimponu kwalifiki u esiġenzi

godda. Inoltre jidher li l-imsemmija decizjoni tal-awtoritajiet ekklesjastici li biha giet michuda t-talba tal-konvenut sabiex jigi konfermat ghall-Beneficcju in kwestjoni hi bbasata fuq il-provedimenti tal-imsemmi Kodici Kanoniku tal-1917. F'dan ir-rigward hu importanti li jigi rilevat li l-att ta' fondazzjoni in kwestjoni ġie magħmul fil-25 ta' Awwissu 1675, u cioe ħafna qabel ma ġiet promulgata l-liġi Kanonika tal-1917. In effett Il-Kanoni li ghalihom l-attur nomine jibbaza t-tesi tieghu li l-Kodici Kanoniku ghandu japplika dahlu fis-sehh sekli wara li gie pubblikat l-att ta' fondazzjoni. Il-fatt li ghaddew is-sekli mill-att tal-fondazzjoni sakhemm dahlu fis-sehh il-Kanoni kontenuti fil-Kodici Kanoniku tal-1917 jista jkun rilevanti. Hu rilevanti, pero', li l-fondatrici tipprojbixxi b'mod assolut li jsir tibdil fin-natura intrinsika tal-att ta' fondazzjoni u b'enfasi tipprojbixxi ukoll li xi hadd jew xi awtorita' jew xi ligi jistghu jbiddlu n-natura tal-fondazzjoni jew li jistghu jitbiddlu r-regoli minnha stipulati dwar id-dritt ghall-kjamata fil-pussess tal-Beneficcju. Il-fondatrici ghamlitha cara li ebda tibdil jew thassir ("derogatione") fil-ligi generali jew fil-kostituzzjoni Apostolika, anke jekk promossi mis-Santa Sede innifisha, ma seta' jbiddel ir-regoli li ghandhom jiggvernaw in-nominazzjoni u prezentazzjoni ta' persuni ghall-pussess tal-fondazzjoni.

Jigi ukoll innotat li fl-imsemmi Kodici Kanoniku tal-1917 m'hemmx dikjarat li l-istess Kodici għandu jkollu effett retroattiv. Biex il-liġi jkollha effett retroattivi, hemm bżonn li dan l-effett jirriżulta b'mod l-aktar car u żgur mill-istess ligi u għalhekk fid-dubju r-retroattivita' ghandha tigi eskluza (Vide "Joseph Caruana Curran nomine vs Anthony Camilleri nomine" - deciza fid-29 ta' Ottubru 1959 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili). Il-Qorti tal-Appell, fis-27 ta' Mejju 2005, fl-appell Civili numru 1003/1992/1, fil-kawża

bl-ismijiet “Avv. John Buttigieg vs Anthony Tabone” għamlet riferenza għal sentenza tas-26 ta’ Frar 1954 fil-kawża fl-ismijiet “Edgar Baldacchino et vs Onor Dr. Tommaso Caruana Demajo LL.D. nomne et” fejn gie ritenut li meta f’ligi li tohrog ma jkunx hemm klawsola retroattiva, u l-kliem taghha ma jkunx jimportaw retroattivita` u kwindi dik il-ligi m’ghandhiex ikollha effett retroattiv, lanqas jekk tkun ta’ interess jew ordni pubbliku, u saħħqet illi din ir-regola għandha dejjem tipprevali. Il-liġi Kanonika tal-1917 ma taghmel ebda referenza għal atti ta’ fondazzjoni li saru qabel il-1917.

Fid-dawl ta’ dan kollu jidher li l-Beneficcju m’ghandux jigi regolat mill-Kodici Kanoniku u in partikolari minn dak promulgat fil-1917, izda ghandu jigi regolat bid-disposizzjonijiet li riedet il-fondatrici. Difatti, jista jinghad, li kieku kellha tipprevali l-interpretazzjoni pretiża mill-attur, il-volonta’ tal-leġislatur espressa tkun qiegħda tiġi injorata għal kollox.

**Kwestjonijiet ohra rilevanti**

**Il-varji posizzjonijiet li assuma l-attur nomine fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza**

In effett donnu li l-attur nomine lanqas ma hu zgur mill-posizzjoni tieghu. Fic-citazzjoni jindika li l-Beneficcju hu wiehed lajkali. Sussegwentement jissottometti li l-Beneficcju hu wiehed ekklesjastiku pero’ ta’ guspatronat lajkali. Wara dan huwa jsostni li l-Beneficcju huwa esklusivament ekklesjastiku. Lanqas ma hu ghal kollox cert l-attur nomine dwar liema regolamenti ghandhom jnapplikaw. Filli jissottometti li ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet li riedet il-fondatrici u filli jsostni li dawn id-disposizzjonijiet jistghu jidbiddlu mill-Ligi Kanonika u li fi kwalunkwe kaz ghandha dejjem tigi applikata l-Ligi Kanonika.

**Talba tal-konvenut biex jigi konfermat fil-Beneficcju maghmula lill-Awtorita' Ekklesjastika**

Mill-provi jirrizulta li l-konvenut ippresenta rikors fil-Kurja Arciveskovili ta' Malta fejn talab li huwa jigi konfermat fil-pussess u bhala rettur ta' dan il-Beneficcju, u inoltre talab lill-Arcisqof ta' Malta li, jekk hemm bzonn, jigi mahtur possessur 'pro tempore' tal-imsemmija Abbazia. L-Awtorita' Ekklesjastika rrigettat dawn it-talbiet u kien ghalhekk, skond il-konvenut, li huwa kien kostrett japplika lill-qorti civili biex jakkwista tali konferma. Il-konvenut jissottometti li l-ewwel huwa ghamel it-talba lill-Kurja u biss sussegwentement huwa applika lill-qorti civili. Huwa ghamel it-talba l-ewwel lill-awtorita Ekklesjastika peress li hekk jistipula l-att tal-fondazzjoni u cioe' li n-nomina trid tigi sottomessa lill-Isqof ta' Malta ghall-konferma. Skond il-konvenut dan ma jfissirx li huwa gharaf li dan il-Beneficcju jaqa' taht il-kompetenza tal-Awtorita' Ekklezastika. Il-Qorti taqbel ma din is-sottomissjoni tal-konvenut.

In vista ta' dak kollu li gie premess u in linea mal-imsemmija principji rigwardanti r-retroattivita, l-Kodici Kanoniku m'għandux japplika ghall-Beneficcju iżda għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet li riedet il-fondatrici skond l-att ta' fondazzjoni. Inoltre l-Beneficcju ghandu jigi ritenut li hu lajkali u ghalhekk ukoll m'ghandhomx japplikaw il-Kanoni kontenuti fil-Kodici Kanoniku.

**It-traduzzjoni tal-att tal-fondazzjoni**

L-imsemmi xhud tal-attur nomine jaqbel (fol.149) li biex jiġi deciż min jista' jkun kjamat għall-Beneficcju in kwestjoni ghandu jigi analizzat l-att tal-fondazzjoni. Kwindi l-kwestjoni kollha tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-att tal-fondazzjoni kif ukoll it-traduzzjoni tal-istess att. Kemm

ghar-rigward tat-traduzzjoni kif ukoll ghar-rigward tal-interpretazzjoni m'hemmx qbil bejn il-partijiet. Dwar it-traduzzjoni hemm ukoll nuqas ta' qbil bejn il-partijiet kif ukoll bejn il-partijiet u t-traduzzjoni li giet sottomessa mill-espert traduttur. Tant hu hekk li l-konvenut ippresenta trduzzjoni ohra tal-stess att tal-fondazzjoni. In effett hemm diverġenzi bejn it-traduzzjoni presentata mill-konvenut u t-traduzzjoni tal-espert traduttur. Dawn id-divergenzi jirrigwardaw b'mod partikolari dik il-parti tal-att tal-Fondazzjoni li tittratta dwar it-tmiem tat-tgawdija tal-beneficcju u dwar minn jista jigi msejjah ghall-istess Beneficcju. Il-konvenut jippretentendi li l-kjerici huma esklużi mill-pussess tal-beneficcju u dan peress li l-att in kwestjoni jipprovdi li t-tgawdija tispicca meta (fost cirkostanzi ohra) min ikollu l-pussess jidħol fil-ħajja reliġjuża.

L-espert traduttur jittraduci din l-istess frasi "religionis ingressus" bhala il-mghamudija. Mentri skond il-konvenut il-frasi tfisser "dhul f'ordni religjuz." Il-partijiet jaqblu li traduzzjoni ma tistax issir "ad litteram" u cioe' ma tistax tigi tradotta l-kelma minnghajr ma jinghata kont tal-kuntest taghha. In effett tenut kont tal-kuntest fejn tintuza l-imsemmija frasi hu car li l-imsemmija frasi tfisser "id-dhul f'ordni religjuz" jew dhul fil-hajja religjuza u cioe' meta wiehed isir sacerdot jew patri. Eventwalment anke ix-xhud tal-attur nomine jaqbel li l-imsemmija frasi tfisser "dhul fil-hajja religjuza" pero' jsostni li din il-frasi ghandha tigi interpretata bħala li qed tfisser li huwa dak il-kjeriku li jintendi li jidħol fil-ħajja reliġjuża li jitlef id-dritt li jkun Rettur u cioe' meta qassis, jew minn ikun gia' beda t-triq biex isir qassis sussegwentement jidhol f'xi ordni reliġjuża u ghalhekk ikun, kif komunement maghruf, patri u kwindi jitlef id-dritt li jkun ir-rettur. In effett l-istess xhud isostni (fol.269) li l-intenzjoni tal-fondatrici kienet li minn ikun Rettur ghandu jkun kjeriku cioe' qassis.

F’dan ir-rigward il-posizjonijiet tal-partijiet huma opposti. Il-Qorti taqbel mal-interpretazzjoni li joffri l-konvenut. Dik moghtija mill-attur nomine, fl-opinjoni tal-Qorti, ma hix konformi mar-rieda tal-fondatrici kif espressa fl-istess att tal-fodazzjoni. In effett hu car li l-fodatrici ma xtaqitx li l-pussess tal-Beneficcju jaqa f’idejn patri kif ukoll f’idejn sacerdot. Din id-distinzjoni bejn qassis u patri saret biss mill-attur nomine, pero’ ma jidhirx li din l-istess distinzjoni kienet fil-hsieb tal-fondatrici meta kien qed jigi redatt l-att tal-fondazzjoni.

In vista ta’ dan kollu t-talba tal-attur nomine lanqas ma tista tigi akkolta fuq l-imsemmija t-tieni kawzali. Difatti mill-att tal-fondazzjoni wieħed ma jistax jasal għall-konklużjoni zgura u certa li l-fondattrici riedet li l-pussessur tal-Beneficcju jkun kjeriku kif qed jippretendi l-attur nomine.

Inoltre, kif gia rilevat, skond l-att tal-fondazzjoni in kwestjoni l-fondatrici riedet li biss meta jiżvojtja l-Guspatronat u cioe’ meta ma jkunx hemm dixxendenti maskili, allura l-Beneficcju in kwestjoni jista’ jigi fdat temporaneament lil wieħed sacerdot sakemm jitwieled dixxendent maskili. Dan hu ukoll konfermat mix-xhud prodott mill-attur nomine (fol.340). Ghalhekk jirrizulta li l-fondatrici riedet li għandu jinħatar xi hadd li hu qassis jew patri f’ordni reliġjuża biss f’dawk iż-żmienijiet li ma jkunx hemm dixxedenti maskili. Din hi indikazzjoni cara li l-fondatrici ma rieditx li kjeriku ikun il-pussessur tal-Beneficcju. .

Il-konvenut esibixxa arblu ġeneoloġiku (fol.354) minn fejn jirrizulta b’mod sufficjenti li huwa ghandu jigi ritenut bhala persuna idonea skond l-att tal-fondazzjoni u dan peress li hu l-eqreb dixxendent dirett fid-demm tal-fondatrici. Ghalhekk ukoll jirrizulta li l-konvenut aġixxa skond it-termini tal-fondazzjoni meta huwa ipprezenta lilu nniffsu għall-ħatra bħala pussessur.

**Trasferiment tal-proprjeta tal-immobbli oggetti tal-Beneficcju**

Fl-ahhar nett jista ukoll jinghad li hu car li fl-att tal-fondazzjoni hemm biss trasferiment tal-assi komprizi fil-fondazzjoni b'donazzjoni lill-Beneficcju, bhala enti guridiku, u hu zgur li ma sar ebda trasferiment tal-istess assi lill-attur nomine.

**Konkluzjoni**

Fid-dawl ta dak kollu li gie premess l-eccezzjonijiet numri (5) (6) u (7) tal-konvenut ghandhom jigu akkolti u kwindi t-talba tal-attur nomine ghandha tigi rigettata. .

Ghal dawn il-motivi tichad it-talba ta-attur nomine.

In vista tan-natura straordinarja ta' din il-kawza l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet u jigi precizat li l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-espert traduttur ghandhom jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------